# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 365/2018**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Antonio Mario Vella**

Illum 27 ta' Ġunju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Antonio Mario Vella**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 579855(M), għan-nom u in rappreżentanza tal-kumpanija Act Operators Limited (C18641), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fis-17 ta' Awwissu 2011 u matul il-ġranet ta' qabel u wara ġo Main Kitchen u l-Cafe' Latte ta' Travellers' Lodge, Triq il-Pijunieri, Buġibba u ġo Fuyi Cantonese, Triq il-Ħġejjeġ, Buġibba li jifforma parti wkoll mit-Travellers' Lodge:

1. naqas li jipprovdi fil-post tal-ikel għall-konsum mill-bniedem tidwil naturali jew artifiċjali għas-sodisfazzjoni tal-Awtorita' tas-Saħħa;

2. żamm soqfa li mhumiex kostruiti u mitmuma b'mod li jipprevjenu l-ġbir ta' ħmieġ u tnaqqis ta' kondensazzjoni, it-tkabbir ta' moffa mhux mixtieqa u t-tixrid ta' partikoli;

3. żamm it-twieqi li jistgħu jinfetħu għal fuq l-ambjent ta' barra li ma kinux mgħammra bi skrinijiet li jilqgħu għall-insetti u li jistgħu jinqalgħu malajr biex jitnaddfu;

4. naqas li jżomm l-uċuh tal-pavimenti u l-ħitan f'kondizzjoni tajba u li jkun faċli li jnaddafhom u meta jkun meħtieġ li jiddisinfettahom;

5. naqas li jżomm l-apparat u t-tagħmir li l-ikel għall-konsum mill-bniedem jidħol f'kuntatt miegħu nadif u fi stat, tiswija u kondizjoni tajba hekk li jnaqqas kull riskju ta' kontaminazzjoni tal-ikel;

6. naqas li jipprovdi faċilitajiet adegwati jew arranġamenti għall-manutenzjoni u s-sorveljanza ta' kondizzjonijiet tat-temperatura tal-ikel għas-sodisfazzjon tal-Awtorita' tas-Saħħa;

7. naqas li jfassal u jibni l-faċiltajiet tad-drenaġġ b'mod li jiġi evitat ir-riskju ta' kontaminazzjoni;

8. naqas li provvista ta' ilma ġieri sħun u li jkollu temperatura li tista' tiġi kkontrollata kif imiss fis-sinkijiet maħsuba għall-ħasil tal-idejn kif ukoll naqas li jipprovdi materjal għall-ħasil tal-idejn u għat-tnixxif iġeniku tal-idejn;

9. impjega persuni li jippreparaw l-ikel li ma kinux qabel ġew reġistrati mal-Kummissjoni għas-Sigurta' fl-ikel u ma kellhomx dokument ta' reġistrazzjoni kurrenti;

10. uża l-fond Travellers' Lodge li jinkludi l-Main Kitchen, Cafe' Latte u Fuyi Cantonese bħala postijiet tal-ikel għall-konsum mill-bniedem liema fondi ma kinux qabel ġew reġistrati mal-Kummissjoni għas-Sigurta' fl-ikel;

11. naqas li jżomm l-uċuh ta' tagħmir f'kondizzjoni tajba u li jkun faċli biex inaddafhom u meta jkun meħtieġ jiġu disinfettati;

12. naqas li jħares kull ikel li jintmess, jinħażen, jiġi ppakkjat, esibit u trasportat kontra kull kontaminazzjoni li x'aktarx tirrendi dak l-ikel mhux tajjeb għall-konsum mill-bniedem, dannuż għas-saħħa jew kontaminat b'tali mod li ma jkunx raġonevoli li wieħed jippretendi li dan għandu jiġi kkunsmat f'dak l-istat;

13. naqas li jipprovdi mezzi adatti u suffiċjenti ta' ventilazzjoni naturali jew mekkanika fit-*toilet* tan-nies u fl-*anteroom*;

14. naqas li jipprovdi kontenitur għall-iskart tal-ikel u żibel ieħor, li jkun ta' kostruzzjoni adatta, li jinżamm f'kondizzjoni tajba u, meta jkun meħtieġ ikunu jistgħu jiġu mnaddfa disinfettati faċilment għas-sodisfazzjon tal-Awtorita' tas-Saħħa;

15. naqas li jipprovdi fil-post tal-ikel għall-konsum mill-bniedem provvista adegwata ta' ilma tax-xorb;

16. naqas li jkollu proċeduri lesti u adegwati sabiex jiżguraw li l-preżenza ta' *pests* fil-post tal-ikel tkun ipprevenuta u kkontrollata għas-sodisfazzjon tal-Awtorita' tas-Saħħa;

17. naqas li jżomm il-post tal-ikel nadif u f'kondizzjoni tajba ta' tiswija;

18. żamm ikel maħsub għall-konsum mill-bniedem (Ham Appox 300g u Sliced Cheese 7 pieces) f'temperatura li tista' tirriżulta f'riskju għas-saħħa;

19. intenzjonalment fixkel jew ikkawża tfixkil lill-uffiċjali awtorizzati fil-qadi ta' dmirijiethom kif ukoll naqas billi ta informazzjoni li hi falza jew qarrieqa;

20. kiser ordnijiet ta' projbizzjoni ta' emerġenza u xjentement ma ħarisx l-imsemmija avviż billi għatta l-imsemmija ordnijiet ta' projbizzjoni ta' emerġenza;

21. għamel użu minn ilma ġej minn provvista tal-ilma privat, liema provvista ma kinitx qabel ġiet irreġistrata mal-Awtorita' tas-Saħħa.

Il-Qorti ġiet mitluba li barra l-piena tordna l-esekuzzjoni tal-liġi taħt penali li jidhrilha xierqa u, fin-nuqqas, tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-oġġetti eżebiti kif ukoll ir-rifużjoni tal-ispejjeż kollha nkorsi mill-Awtorita' tas-Saħħa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-27 ta' Settembru 2018, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 32(1)(2)(a), 36(2) u 36(5)(b) tal-Kapitolu 449 tal-Liġijiet ta' Malta, Avviż Legali 264/2002 Parti 1 Reg. 7, Avviż Legali 264/2002 Parti 1 Reg. 10(5), Avviż Legali 264/2002 kif emendata Avviż Legali 105/2004, Reg. 5(4), Avviż Legali 264/2002 Parti 1 Reg. 10(2)a u b (3), Avviż Legali 264/2002 Parti V Reg. 2(a) u (b), Parti III Reg. 9, Avviż Legali 264/2002 Parti III Reg. 9, Avviż Legali 264/2002 Parti 1 Reg. 8, Avviż Legali 264/2002 Parti 1 Reg. 4(1) u (2), Avviż Legali 178/2011 kif emendata bl-Avviż Legali 137/2007, Reg. 3(2), Avviż Legali 180/2011 kif emendat bl-Avviż Legali 136/2007 Reg. 3(1), Avviż Legali 264/2002 Parti 1 Reg. 13(1)(a) u (b), Avviż Legali 264/2002 Parti IX Reg. 4, Avviż Legali 264/2002 Part 1, Reg. 6(1), Avviż Legali 264/2002 Parti VI Reg. 3, Avviż Legali 264/2002 Parti VIII Reg. 2, Avviż Legali 264/2002 Parti IX Reg. 5, Avviż Legali 264/2002 Parti 1 Reg. 2, Avviż Legali 264/2002 Parti IX Reg. 6, Avviż Legali 357/2004 Reg. 4(1), sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontrih u kkundannatu jħallas multa ta' tlitt elef Euro (€3000).

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-8 ta' Ottubru 2018 fejn filwaqt li għamel riferenza għas-sentenza appellata talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tirrevoka s-sentenza fejn sabet ħtija u weħel multa ta' tlett elef Euros (Euros 3,000) u minflok ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi u tilliberah minnhom."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-1 ta' Ġunju 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel din il-Qorti tibda tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu, hija tal-fehma li l-ewwel tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-

ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]"

Illi għalhekk dak li trid tagħmel din il-Qorti huwa li tistħarreġ jekk bil-provi mressqa l-Ewwel Qorti setgħetx tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha u l-Qorti ser tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa dwar il-prinċipju ta' *ne bis in idem*. L-appellant jargumenta li fl-10 ta' Ottubru 2011 huwa kien diġa' ġie akkużat fuq l-istess fatti u inċidenti u l-provi mressqa kienu fuq l-istess fatti u inċidenti u jisħaq li kien ġie liberat mill-akkuża tal-10 ta' Ottubru 2011 u li għalhekk għandu jiġi liberat fuq dawn l-imputazzjonijiet. Jgħid li l-provi fiż-żewġ kawżi kienu fuq l-ilma u rriżulta li ma kienx hemm problemi. Jargumenta li mentri l-ewwel akkuża ħarġet fis-16 ta' Marzu 2012, it-tieni waħda (li hija mertu ta' dan l-appell) inħarġet fis-26 ta' Ġunju 2012. Jgħid li minn ħarsa lejn l-imputazzjonijiet bin-numru għoxrin (20) u wieħed u għoxrin (21) għandu jirriżulta li kien hemm imputazzjonijiet doppji.

---

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Illi dwar dan l-aggravju in eżami din il-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta s-segwenti:

- Id-difiża qajmet il-kwistjoni ta' *ne bis in idem* quddiem l-Ewwel Qorti fis-seduta tat-13 ta' Ġunju 2014 (*a fol.* 9). Hija rreferiet għas-sentenza tal-14 ta' Ġunju 2013. Il-Prosekuzzjoni ma qablitx ma' din is-sottomissjoni u l-Ewwel Qorti ordnat li tkun prodotta s-sentenza in kwistjoni.

- Fis-seduta tas-17 ta' April 2015 miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti (*a fol.* 65), id-difiża ppreżentat żewġ sentenzi: waħda mogħtija fl-14 ta' Ġunju 2013 (*a fol.* 66 *et seq.*) u oħra fit-18 ta' Frar 2013 (*a fol.* 69 *et seq.*).

- Fil-5 ta' Mejju 2015 is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika wieġeb dwar il-kwistjoni ta' *ne bis in idem* fejn huwa qal is-segwenti (*a fol.* 59 *et seq.*):

  - dwar is-sentenza tat-18 ta' Frar 2013 huwa qal li dan kien każ li nstema' quddiem il-Maġistrat Dr. Saviour Demicoli f'seduta distrettwali u mhux f'*health sitting* u li kien *ai termini* ta' Artikoli 43(1) u (2) tal-Kapitolu 409 tal-Liġijiet ta' Malta;

  - dwar is-sentenza tal-14 ta' Ġunju 2013 qal li dan kien dwar każ tal-10 ta' Ottubru 2011 ġo Travellers' Lodge u li kien *ai termini* ta' Regolament 18(4) tal-Avviż Legali 2006 tal-Kapitolu 465 tal-Liġijiet ta' Malta.

  Is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika qal li kien jidher ċar li l-imputazzjonijiet mertu tas-sentenza appellata (u li dwarha qed tingħata din is-sentenza) mhumiex repliki tal-istess każ, imma huma imputazzjonijiet differenti, f'dati differenti fuq mertu differenti.

- Id-difiża ssottomettiet li ż-żewġ inċidenti jirrigwardaw l-istess fatti.

- L-imputazzjoni fis-sentenza mogħtija fl-14 ta' Ġunju 2013 (*a fol. 66 et seq.*) hija s-segwenti: *"akkużat talli fl-10 ta' Ottubru 2011 u matul il-ġranet ta' qabel u ta' wara ġo Travellers' Lodge Pioneer Road, St Paul's Bay naqas milli jikkonforma ruħu mal-avviż ta' infurzar maħruġ lilu taħt is-subregolament 18(2) tal-Att Legali 5/two thousand and six (2006) liema avviż ġie notifikat lilu fil-31 ta' Awwissu 2011."* Jirriżulta li f'dak il-każ l-Ewwel Qorti kienet illiberat lill-appellant minħabba li l-imputazzjoni ma ġietx ippruvata fil-grad rikjest mil-liġi.

- L-imputazzjoni fis-sentenza mogħtija fit-18 ta' Frar 2013 (*a fol. 69 et seq.*) hija s-segwenti: *"akkużat talli bi ksur tal-Artikolu 43(1)(c) tal-Kap. 409, wara li fis-26 t'Awwissu 2011 kien ġie notifikat b'avviż ta' nfurzar fuq Travellers Lodge Hotel, Triq il-Korp tal-Pijunieri, San Pawl il-Baħar, fit-22 ta' Settembru 2011 għall-ħabta tal-10.15hrs naqas milli jħares il-ħtiġijiet ta' dan l-avviż billi opera jew ippermetta l-operazzjoni Ta' Cafe' Latte (riferenza tal-liċenzja BAR/304/1) li jifforma parti mit-Travellers' Lodge Hotel."* Anke f'dan il-każ l-Ewwel Qorti (preseduta minn Maġistrat differenti) illiberat lill-appellant minħabba li l-imputazzjoni ma kinitx ippruvata.

Illi l-aggravju tal-appellant huwa li dwar imputazzjoni għoxrin (20) u wieħed u għoxrin (21) huwa diġa' għadda minn proċeduri kriminali u għalhekk jisħaq li ma għandux jgħaddi minn proċeduri oħra mill-ġdid.

Illi Artikolu 527 tal-Kaptitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

> "Wara sentenza li f'kawża tillibera imputat jew akkużat, dan ma jistax għall-istess fatt ikun suġġett għal kawża oħra."

Illi Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali jipprovdi s-segwenti:

> *"No one shall be liable to be tried or punished again in criminal proceedings under the jurisdiction of the same State for an offence for which he has already been finally acquitted or convicted in accordance with the law and penal procedure of that State."*

Illi Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jgħid hekk:

> "Ebda persuna li turi li tkun għaddiet proċeduri quddiem xi qorti kompetenti għal reat kriminali u jew tkun ġiet misjuba ħatja jew liberata ma għandha terġa' tgħaddi proċeduri għal dak ir-reat jew għal xi reat kriminali ieħor li għalih setgħat tiġi misjuba ħatja fil-proċeduri għal dak ir-reat ħlief wara ordni ta' qorti superjuri mogħti matul il-kors ta' appell jew proċeduri ta' reviżjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma għandha tgħaddi proċeduri għal reat kriminali jekk turi li tkun ħadet il-maħfra għal dak ir-reat: [...]."

Illi Artikolu 527 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li ġie kkwotat aktar 'il fuq jippostula żewġ elementi importanti u ċioè fl-ewwel lok irid ikun hemm sentenza fejn l-individwu jiġi liberat mill-imputazzjoni u fit-tieni lok illi l-persuna ma tiġix sottoposta għal proċeduri ġodda dwar l-istess fatt u mhux l-istess reat, kuntrarjament għall-jedd imħares mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea li jitkellmu dwar "ir-reat". Dan magħdud allura huwa indubitat illi l-prinċipju ta' *ne bis in idem* huwa applikabbli biss meta l-ġudikabbli jkun ġie ipproċessat dwar l-istess fatti jew l-istess reati quddiem Qorti tal-Ġustizzja, kif ingħad.

Illi fid-deċizjoni **Sua Maesta' il-Re versus Agata Mifsud e Carmelo Galea** mogħtija fil-15 ta' Ġunju 1918 intqal li:

> *"un criterio pratico non meno che ragionale per determinare se ad un dato caso si applichi la regola "non bis in idem" é quello appunto affermato dalla giurisprudenza ed accolto dalla*

> *dottrina giuridica in Inghilterra. "The true test by which the question whether such a plea (i.e. Autrefoit acquit) is a sufficient bar in any particular case may be tried, is whether the evidence to support the second indictment would have been sufficient to prove a legal conviction upon the first."*[2]"

Illi riferenza ser issir ukoll għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Micallef** (Numru 66/2006) mogħtija fit-28 ta' Frar 2007 fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) qalet is-segwenti dwar il-prinċipju ta' *ne bis in idem*:

> "Illi minn dak li joħroġ minn dawn id-deliberazzjonijiet tal-Qorti Ewropeja wieħed jislet il-fehma li dak li huwa essenzjali għad-determinazzjoni ta' jekk it-"tieni" proċediment jiksirx ir-regola tan-*ne bis in idem* hu jekk ir-reat li bih il-persuna tiġi mixlija jikkostitwix għamil bl-istess elementi tar-reat li dwaru dik il-persuna kienet diġa' nstabet ħatja. Jekk l-elementi jirriżultaw l-istess jew jirkbu fuq xulxin, allura t-tendenza hija li jkun hemm ksur tal-prinċipju tan-*ne bis in idem*. Min-naħa l-oħra, jekk l-għamil wieħed jagħti lok għal iżjed minn reat punibbli wieħed, it-teħid ta' iżjed minn proċedura waħda fil-ġurisdizzjoni tal-istess Stat dwar kull reat ma jiksirx dik ir-regola."[3]

Illi dwar is-sentenza mogħtija fl-14 ta' Ġunju 2013 din il-Qorti tinnota l-Avviż Legali li jsir riferenza għalih fis-sentenza msemmija ħareġ taħt l-Att dwar is-Saħħa Pubblika u r-Regolamenti huma dwar il-kontroll tal-leġjonella. Din il-Qorti tinnota li imputazzjoni numru għoxrin (20) kienet intiża biex tkopri lista twila ta' nuqqasijiet – ukoll jekk xi wħud huma deskritti bħala minuri – li hemm fiċ-ċitazzjoni u għalhekk din il-Qorti mhix qed tara xi proċedura dwar l-istess nuqqas. Min-naħa l-oħra imputazzjoni numru wieħed u għoxrin (21) hija dwar użu ta' ilma privat liema provvista ma kinitx qabel ġiet reġistrata mal-

---

[2] **Il-Pulizija vs. Nicolai (Nicolai Christian) Magrin**, Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), 17 ta' Marzu 2008 (Numru 378/2007).
[3] "Ara, per eżempju, ***Goktan v. France*** (**2.7.2002**) (Applik. Nru. 33402/96), par. 44, 52."

Awtorita' tas-Saħħa. Mill-atti proċesswali jirriżulta li din l-imputazzjoni ma hemmx riferenza għaliha fis-sentenza msemmija u lanqas f'dik deċiża mogħtija fit-18 ta' Frar 2013 li taqa' taħt Kapitolu 409 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk din il-Qorti ma tqiesx li kien hemm xi ksur tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* u għaldaqstant l-ewwel aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tieni aggravju l-appellant jgħid li rċieva l-Avviż tal-Għeluq fis-17 ta' Awwissu 2011 u li l-imputazzjoni tirrifletti din id-data. Jgħid li hu kellu jagħmel spejjeż kbar għaliex kellu jsib akkomodazzjoni alternattiva għat-turisti. Jgħid li l-Ordni tal-Għeluq tneħħiet fis-6 ta' Settembru 2011 u jargumenta li mid-dokumenti jirriżulta li l-*Water Analysis Test Report* ma kienx jirriżulta li l-fond kien tal-appellant.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tibda billi tinnota li filwaqt li huwa minnu li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant jagħmlu riferenza għas-17 ta' Awwissu 2011 pero' huma jagħmlu riferenza wkoll *"u matul il-ġranet ta' qabel u wara"* . Din il-Qorti żżid tgħid li jekk l-Ordni tneħħiet fis-6 ta' Settembru 2011 dan ifisser li l-awtoritajiet ippruvaw jagħmlu x-xogħol tagħhom malajr kemm jista' jkun biex inaqqsu l-inkonvenjent. Filwaqt li l-Qorti tifhem id-diżappunt tal-appellant li kellu jsib post alternattiv għat-turisti u li dan sewa l-flus pero' jirriżulta li mhux l-għan tal-awtoritajiet li jikkaġunaw danni u dana peress li hemm is-saħħa tan-nies involuta.

Illi dwar dik il-parti tal-aggravju fejn l-appellant jisħaq li l-fond ma kienx tiegħu, din il-Qorti tinnota li kien hu li tkellem kull darba kull meta kien hemm xi informazzjoni li kellha tingħata. Lanqas ma jibdel dan l-istat ta' fatt li huwa kellu kuntratt ta' *management* ma' persuna oħra jew kuntratti ta' kiri. Mid-dokumenti jirriżulta ċar li kien hu d-direttur tal-kumpanija Act Operators Limited.

Meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq isegwi li anke t-tieni aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tielet aggravju tiegħu l-appellant jgħid li kien żamm lill-awtoritajiet responsabbli u li kien għalhekk li nħarġu l-kawżi kriminali sabiex l-awtoritajiet jgħattu dawn l-iżbalji.

Illi din il-Qorti tinnota li dan l-aggravju huwa sempliċement insinwazzjoni bla bażi u dana peress li dak li ngħad fih ma ġiex sorrett minn xi provi kemm tal-Prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiża u b'hekk l-aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-raba' aggravju l-appellant jargumenta li l-provi tal-Prosekuzzjoni kienu bbażati fuq il-kwistjoni tal-ilma u ftit li xejn fuq il-kwistjoni tal-akkuża. Jgħid li hu ġab provi in difeża u li hu kellu l-*hotel* magħluqa u xorta ġie akkużat fuq imputazzjonijiet li ma kinux jeżistu.

Illi filwaqt li din il-Qorti tinnota li huwa veru li ħafna mill-provi kkonċentraw fuq in-nuqqas ta' ilma adegwat, però Alistair Lowell xehed darbtejn u l-ewwel darba ppreżenta dokument (Dok. "AL 1" – *a fol.* 77) bin-nuqqasijiet kollha li sabu meta saret l-ispezzjoni, liema nuqqasijiet jitilgħu għal sitta u għoxrin (26). Meta reġa' xehed it-tieni darba u kien mistoqsi dwar l-imputazzjonijiet għaliex kien hemm wieħed u għoxrin (21) waħda fiċ-ċitazzjoni huwa xorta wieġeb fis-sens li dawn in-nuqqasijiet kollha kienu hemm.

Illi għandu jingħad li l-Ewwel Qorti kellha kemm id-dokument imsemmi hawn fuq quddiemha kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xiehda li nstemgħu, u dan apparti li kienu traskritti wkoll is-sottomissjonijiet finali (*a fol.* 190 *et seq.*) tal-partijiet. Għalkemm din kienet proċedura sommarja jirriżulta li l-ġbir tal-provi quddiem l-Ewwel Qorti sar bħalma jsir fi proċeduri mhux

sommarji. Dwar il-provi li ressaq l-appellant allura imputat quddiem l-Ewwel Qorti, din il-Qorti tinnota li mhux biss innutat il-kontenut tax-xiehda permezz ta' qari akkurat tagħhom, talli eżaminat ukoll id-dokumenti prodotti. Wara li għamlet dan waslet għall-konklużjoni li l-provi tal-appellant bl-ebda mod ma jnaqqsu mill-qawwa tal-provi tal-Prosekuzzjoni. Għalhekk l-Ewwel Qorti kellha provi quddiemha biżżejjed fuqhiex tagħti d-deċiżjoni tagħha u għaldaqstant anke l-aggravju in eżami qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ħames aggravju huwa li l-Ewwel Qorti naqset li tagħti raġunijiet kif jitlob Artikolu 218 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Jgħid li l-Ewwel Qorti lanqas ma tat raġuni għala hu weħel il-multa erogata minnha.

Illi din il-Qorti tibda billi tinnota li l-kontenut ta' sentenza fi proċeduri kriminali huwa regolat b'Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

> "Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."

Illi r-*ratio legis* wara Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa illi s-sentenza tkun ċara fis-sens illi kemm il-persuna akkużata kif ukoll kull min huwa parti fid-deċizjoni jifhmu x'kienu dawk il-fatti li dwarhom il-persuna akkużata tkun qed tiġi misjuba ħatja, tagħti l-piena għal dawk il-fatti li qed jistabilixxu ir-reita' u jissemmew id-disposizzjonijiet tal-liġi li jitkellmu fuq ir-reat jew reati li dwarhom qed tinsab ħtija.

Illi din il-Qorti tinnota li fis-sentenza appellata hemm imniżżel kemm il-piena kif ukoll l-Artikoli tal-liġi li jikkontemplaw l-imputazzjonijiet li tagħhom l-appellant instab ħati. Fir-rigward tar-rekwiżit tal-"fatti" li jissemma f'Artikolu 382 hawn fuq

kkwotat għandu jingħad illi, speċjalment fil-każ ta' kawzi sommarji, dejjem ġie ritenut li r-riproduzzjoni tal-imputazzjonijiet huwa biżżejjed sabiex jissodisfa dan ir-rekwizit tal-"fatti". Hekk ingħad minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenzi fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mariella Caruana** (Numru 326/2010 – 15 ta' Diċembru 2010), **Il-Pulizija vs. John Tanti** (Numru 546/2010 – 24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Carmel Polidano** (Numru 338/2013 – 11 ta' Diċembru 2013), **Il-Pulizija vs. Peter Abdilla** (Numru 129/2010 – 28 ta' Lulju 2020) u **Il-Pulizija vs. Salvino Debrincat** (Numru 242/2022 – 25 ta' Novembru 2022).

Illi din il-Qorti tinnota li l-elementi kollha ta' Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jinsabu fis-sentenza appellata. Kif ġie ritenut, l-imputazzjonijiet jistgħu jservu bħala l-bażi tal-fatti u ma hemmx dubju li ngħataw l-artikoli kollha li taħthom jaqgħu l-imputazzjonijiet. B'hekk is-sentenza appellata tissodisfa r-rekwiżiti ta' Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi fl-aggravju in eżami l-appellant jirreferi wkoll għall-multa u jgħid li l-Ewwel Qorti ma tatx indikazzjoni għalfejn weħel multa ta' tlitt elef Euro (€3,000). Dwar dan din il-Qorti tinnota li Artikolu 43(1)(3) ta' Kapitolu 449 tal-Liġijiet ta' Malta (l-Att dwar is-Sigurta' fl-Ikel) jindika li f'każ ta' multa l-piena minima għal kull reat hija dik ta' erba' mija u ħamsa u sittin Euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) u tista' titla' sa elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) jew erbat elef, sitt mija u tmienja u ħamsin Euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4658.75), skont il-każ. Meħud dan in konsiderazzjoni, inkluż in-numru ta' imputazzjonijiet li l-appellant instab ħati tagħhom u meħud in konsiderazzjoni wkoll Artikolu 17(f) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'hekk isegwi li l-multa nflitta mill-Ewwel Qorti tinsab fil-parametri tal-liġi.

Għal dawn ir-raġunijiet kollha l-aggravju in eżami qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi fis-sitt aggravju l-appellant jargumenta li l-multa erogata mill-Ewwel Qorti hija fuq l-imputazzjonijiet kollha b'dan illi fuq imputazzjoni għoxrin (20) u wieħed u għoxrin (21) diġa' kien hemm deċiżjoni.

Illi din il-Qorti qed tiċħad dan l-aggravju minħabba li huwa ripetizzjoni tal-ewwel wieħed li dwaru din il-Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha aktar 'il fuq, liema konsiderazzjonijiet japplikaw hawn ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Antonio Mario Vella u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**